Nru. 18,138
Prezz/Price
Lm1.28 (€2.98)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2007
Tuesday, 23rd October, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 929

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 107 imsejjaħ "Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar".

It-23 ta' Ottubru, 2007

Nru. 930

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,136 u 18,137 tas-16 u d-19 ta' Ottubru, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 297 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2007 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol fil-Portijiet.

A.L. Nru. 298 ta' l-2007: Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa (Kap. 226); Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapport fit-Traffiku ta' Bastimenti.

A.L. Nru. 299 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2007 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar il-Portijiet (Dixxiplina).

GOVERNMENT NOTICES

No. 929

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 107 entitled the "Housing Authority (Amendment) Act, 2007".

23rd October, 2007

No. 930

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,136 and 18,137 of the 16th and the 19th October, 2007 respectively.

L.N. No. 297 of 2007: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Ports (Hours of Business) (Revocation) Regulations, 2007.

L.N. No. 298 of 2007: Territorial Waters and Contiguous Zone Act (Cap. 226); Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Vessel Traffic Monitoring and Reporting Requirements (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 299 of 2007: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Ports (Disciplinary) (Revocation) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 300 ta' l-2007: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Emenda Nru. 4).

L.N. No. 300 of 2007: Eco-Contribution Act (Cap. 473); Eco-Contribution Act, (Amendment of First Schedule) (No. 4) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 301 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

L.N. No. 301 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Restrictions) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 302 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Crystal Glass (Amendment) Order, 2007.*

L.N. No. 302 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Crystal Glass (Amendment) Order, 2007.

A.L. Nru. 303 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Textile Names (Amendment) (No. 2) Order, 2007.*

L.N. No. 303 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Textile Names (Amendment) (No. 2) Order, 2007.

A.L. Nru. 304 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 dwar Formuli għat-Trabi u Formuli ta' Prosegwiment.

L.N. No. 304 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Infant Formulae and Follow-on Formulae, 2007.

A.L. Nru. 305 ta' l-2007: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Avviż ta' l-2007 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income* (Xogħol Filantropiku) (Nru. 2).

L.N. No. 305 of 2007: Income Tax Act (Cap. 123); Income Tax Exemption (Philanthropic Work) (No. 2) Notice, 2007.

A.L. Nru. 306 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Kap. 419); Regolamenti ta' l-2007 dwar it-Twaqqif tal-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta).

L.N. No. 306 of 2007: Malta Standards Authority Act (Cap. 419); National Accreditation Board (Malta) (Establishment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 307 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Kap. 419); Ordni ta' l-2007 li jemenda l-Ordni dwar Awtorità Maltija dwar l-iStandards (Twaqqif tad-Direttorat ta' Akkreditament).

L.N. No. 307 of 2007: Malta Standards Authority Act (Cap. 419); Malta Standards Authority (Establishment of the Accreditation Directorate) (Amendment) Order, 2007.

A.L. Nru. 308 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Emenda Nru. 3).

L.N. No. 308 of 2007: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); Public Contracts (Amendment No. 3) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 309 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

L.N. No. 309 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances and Preparations (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 310 ta' l-2007: Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni ta' l-2007 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti dwar Taxxa dovuta fuq it-Trasferiment ta' Residenza Unika u Ordinarja u fuq Dikjarazzjonijiet *Causa Mortis*.

L.N. No. 310 of 2007: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Transfer of Sole Ordinary Residence and on Declarations Causa Mortis (Duty on Documents and Transfers) Exemption Order, 2007.

It-23 ta' Ottubru, 2007

23rd October, 2007

Nru. 931

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Ottubru, 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 916 tat-18 ta' Ottubru, 2007, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-19 ta' Ottubru, 2007
(OPM 31/2007/II)

No. 931

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 19th October, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 916 of the 18th October, 2007, ceased to have effect accordingly.

19th October, 2007

Nru. 932

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
Ms Sandra Galea Sillato WPS 83
Ms Tiziana Farrugia WPC 234

Dipartiment tas-Saħħa
Ms Jeanette West

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Giovanni Miceli

Diviżjoni tar-Reġistru Pubbliku u ta' l-Artijiet
Is-Sur Anthony Geraldi
Is-Sur Ignatius Ciantar
Ms Ermelinda Zahra
Is-Sur Bernard Grech
Is-Sur Joseph Calleja
Ms Frances Pace
Is-Sur Alfred Bezzina
Is-Sur Saviour Vella
Is-Sur Noel Cassar

B'Awtorità

TONIO BORG
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

It-23 ta' Ottubru, 2007
(MJHA/144/2003/V)

No. 932

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
Ms Sandra Galea Sillato WPS 83
Ms Tiziana Farrugia WPC 234

Health Department
Ms Jeanette West

Ministry of Foreign Affairs
Mr Giovanni Miceli

Land and Public Registry Division
Mr Anthony Geraldi
Mr Ignatius Ciantar
Ms Ermelinda Zahra
Mr Bernard Grech
Mr Joseph Calleja
Ms Frances Pace
Mr Alfred Bezzina
Mr Saviour Vella
Mr Noel Cassar

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

23rd October, 2007

Nru. 933

FOND TAL-PENSJONI U TAL-KONTINĠENZI

NGĦARRFU li skond Artikolu 32 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva li l-Kumitat tal-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontinġenzi jkun kompost kif ġej:-

Chairman
Is-Sur Albert Attard

Membri jirrapreżentaw lill-Awtorità Marittima ta' Malta
Is-Sur Charles Schembri
Is-Sur Charles Abela

Membri jirrapreżentaw lill-ħaddiema tal-port
Is-Sur Joseph Saliba
Is-Sur Carmel Baldacchino

Segretarju
Is-Sur Francis Calleja

Din il-ħatra hi b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2007.

It-23 ta' Ottubru, 2007

No. 933

PENSIONS AND CONTINGENCY FUND COMMITTEE

IT is notified that in terms of Article 32 of the Port Workers Regulations, 1993, the Minister for Competitiveness and Communications has directed that the Port Workers on the Pensions and Contingency Fund Committee be appointed as follows:-

Chairman
Mr Albert Attard

Members representing the Malta Maritime Authority
Mr Charles Schembri
Mr Charles Abela

Members representing the port workers
Mr Joe Saliba
Mr Carmel Baldacchino

Secretary
Mr Francis Calleja

This appointment is with effect from 1st July 2007.

23rd October, 2007

Nru. 934

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' l-Appell għall-Eżamijiet fis-Snajja' ta' *Child Carers*

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' l-Appell għall-Eżamijiet fis-Snajja' ta' *Child Carers* skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343).

Chairperson
Ms Michelline Sciberras

Membri
Ms Stephania Dimech Sant
Dott. Elaine Burmingham

It-23 ta' Ottubru, 2007

No. 934

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Appeals Board for Trade Testing of Child Carers

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Appeals Board for Trade Testing of Child Carers in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343).

Chairperson
Ms Michelline Sciberras

Members
Ms Stephania Dimech Sant
Dr Elaine Burmingham

23rd October, 2007

Nru. 935

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356)

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li l-kumpless ta' *shelters* fis-sit li ġej:

Ta' Lagan/Triq Ġnien Xibla Ix-Xagħra, Għawdex

(ara l-pjanta f'paġna 9308) tista' tkun ta' valur xjentifiku u arkeoloġiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' żoni skedati, skond it-termini ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinstab fil-periklu li tiġi danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward taż-żona msemmija hawn fuq, skond l-Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

i. Is-sit għandu jitqies bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' l-Ewwel Livell, skond il-*policies* RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur xjentifiku tiegħu.

ii. Is-sit għandu wkoll jitqies bħala *area* ta' importanza arkeoloġika (Klassi B) skond il-*policies* ARC 2 u ARC 6 tal-Pjan ta' Struttura.

iii. L-ebda skavar ma huwa permess fl-ebda parti taż-żona murija fil-pjanta mehmuża ma' din l-Ordni, għajr skond ma tiddeċieġi l-Awtorità wara li jkunu tqiesu fid-dettall l-implikazzjonijiet fuq il-kumpless imħares skond din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni.

iv. Kull tibdil jew interventi oħra fuq iż-żona msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk iż-żona tiġi b'xi mod danneġġata jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-23 ta' Ottubru 2007

No. 935

EMERGENCY CONSERATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act (Cap. 356)

The Malta Environment and Planning Authority considers the underground complex of shelters at the site at:

Ta' Lagan/Triq Ġnien Xibla Xagħra, Gozo

(as per site plan on page 9308) as being of scientific and archaeological importance such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the aforementioned site is in danger of being damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above site in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

i. The site is considered as a Level 1 Site of Scientific Importance as per Structure Plan Policies RCO 11 and RCO 12.

ii. The site is considered as a Class B Site of Archaeological Importance in terms of Structure Plan Policies ARC 2 and ARC 6.


iii. No excavations will be permitted within any part of the aforementioned site (as per attached plan) except as may be directed by MEPA following thorough assessment of the implications on the complex protected by this Emergency Conservation Order.

iv. Any intervention on the above site, which might be permissible must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six months from date of publication of the order.

If the said site is in any way damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

23rd October 2007


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E34582, N89879
Max E35184, N90228
Title :-
Emergency Conservation Order World War II Shelter Complex Site at Xaghra, (Ghawdex)
Ref No. :- GF 254/07
Legend :-
Level 1 - Site of Scientific Importance
Class B - Site of Archaeological Importance
Form No. :- MU/004
N
Tal-Ġnejna
Ta' Lagan
Ġnien
Ta' Għajn Ħoġna
Ta' Ċens
TRIQ MANNAR
KNISJA
0
40
80
120
160m

Nru. 936

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skond Skeda IB ta' l-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 2256/07
Post: Sit fi (Triq tax-Xatt), Triq it-Trunċiera,
San Pawl il-Baħar
Proposta: Bini ta' *Marine Aquarium* fil-Qawra

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fl-24 ta'Awissu, 2007.

No. 936

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 2256/07
Location: Site at (Triq tax-Xatt), Triq it-Trunċiera,
San Pawl il-Baħar
Proposal: To construct marine aquarium at Qawra

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 24th August, 2007.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ekoloġija	Fis-sit tinsab Area ta' Importanza Ekoloġika (Irdumijiet max-Xatt). F'partijiet mis-sit jinsabu ambjenti tipiċi tal-kosta li jinkludu żewġ speċi protetti, *Tamarix africana* u *Limonium zeraphae*. Miżuri: - *Compensatory planting* ta' siġar ta' *T. Africana;* u - *L. zeraphae*: *Fence* temporanju se jitwaqqaf sabiex jitnaqqas il-potenzjal ta' tħarbit. *L. zeraphae* jista' jkun maqlugħ u miżrugħ x'imkien ieħor u mkabbar miż-żerriegħa
Ecology	*An Area of Ecological Importance (Coastal Cliffs) occurs. Coastal habitats are present including two protected species, Tamarix africana and Limonium zeraphae.* *Mitigation measures:* *- T. Africana: compensation planting; and* *- L. zeraphae: As a mitigation measure to contain potential disruption temporary fencing shall be constructed. L. zeraphae may be transplanted and seeded from existing stock.*

Wirt Kulturali	Fis-sit tinsab *Pill Box* tat-Tieni Gwerra Dinjija u ħajt tad-difiża (Grade 1), kif ukoll Torri (Grade 1) lejn it-Tramuntana tas-sit. It-Torri ta' Fra Ben Tower mhux se jiġi affettwat filwaqt li l-*Pill Box* se tkun irrestawrata. *Boreholes* se jintużaw biex jiġi ddeterminat is-sit eżatt tal-ħajt tad-difiża u l-pjanti jinbidlu jekk dawn jinterferixxi mas-sejbiet.
Cultural Heritage	*Within the site, a World War II Pill Box and a Grade 1 entrenchment wall are present whilst a Grade 1 scheduled tower lies to the North. The Fra Ben Tower will not be affected whilst the Pill Box will be restored.* *Boreholes will be used to determine the exact location of the entrenchment wall and plans will be amended should these interfere with present plans.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-23 ta' Ottubru, 2007

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

23rd October, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 107

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru 2007 mis-6.00 p.m. sal-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 fit-8.00 p.m. mill-Mall u Triq Sarria.

Vetturi misjuba f'kontravenzjoni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ottubru, 2007

POLICE NOTICE

No. 107

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times indicated hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Floriana

On Friday, 26th October 2007 from 6.00 p.m. till Sunday, 28th October 2007 at 8.00 p.m. through the Mall and Triq Sarria.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

23rd October, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 70 ta' l-2007

Ħruq ta' Murtali minn fuq Barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Bighi, il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali fil-Port il-Kbir, minn fuq barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Bighi 200 metru mill-eqreb xatt kif ġej:

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Novembru, 2007, għal xi l-4.30 p.m. il-barkun jeħduh fil-pożizzjoni li ġejja:

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 70 of 2007

Fireworks Display from a Barge moored off Bighi Point, Grand Harbour

A fireworks display will be let off in Grand Harbour, from a barge moored off Bighi Point 200 metres from the nearest shore as follows:

On Friday, 2nd November, 2007, at about 4.30 p.m. the barge will be moved to the following position:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35^0 53'.58	14^0 31'.26

Il-murtali se jinħarqu bejn l-9.45 p.m. u l-10.30 p.m. ħin lokali.

L-inġenji kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod mhux anqas minn 200 metru mill-post fejn ikunu qed jinħarqu l-murtali msemmija.

Dawk li jkunu qed ibaħħru fil-Port il-Kbir għandhom jagħmlu dan b'attenzjoni kbira u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS).

Il-pożizzjoniji tirreferi għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata BA 177.

It-23 ta' Ottubru, 2007

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35^0 53'.58	14^0 31'.26

The actual fireworks display will be between 9.45 p.m. and 10.30 p.m. local time.

All craft are warned to give a wide berth of not less than 200 metres from the firing site during the above-mentioned display.

Craft navigating within Grand Harbour are to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control (VTS).

Position referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA 177.

23rd October, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'dawn l-Iskejjel ta' l-Istat:

Skola Primarja Santa Klara 'A', Ħaż-Żabbar

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati, biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaners* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.61 (€3.75) għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-bonus annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State Schools, if and when the need arises:

Santa Klara Primary School 'A', Żabbar

2. The final order of merit will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.61 (€3.75) for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on

fuq bażi pro-rata skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-U.E. dwar il-moviment ħieles tal-persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati li hemm riferenza għaliha fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati. Applikanti li għalqu l-61 sena mhumiex eliġibbli li japplikaw.

9. (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma

a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

9. (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even

jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

11. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola kkonċernata.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Novembru, 2007.

13. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

14. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-23 ta' Ottubru, 2007

if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

10. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

11. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the relative school.

12. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Friday, 9th November, 2007.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

23rd October, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* għandu salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena li jiżdied b'Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) (Skala ta' Salarju Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* titpoġġa fi Skala ta' Salarju Nru. 9 b'salarju ta' Lm6,135 (€14,290.71) fis-sena li jiżdied b'Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16,974.14)

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) in the Health Division within the Ministry 0f Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) in the Health Division.

2.1. The post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) carries a salary of Lm5,782 (€13,468.44) per annum, rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to maximum of Lm6,832 (€15,914.28) (Salary Scale No. 10). Subject to satisfactory performance, a Scientific Officer will move to Salary Scale No. 9 with a salary of Lm6,135 (€14,290.71) per annum rising by annual increments of Lm192 (€447.24)

wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala ta' Salarju Nru. 8 b'salarju ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jiżdied b'Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53) soġġetta għal servizz sodisfaċenti wara li tagħmel għaxar snin servizz fil-grad ta' *Scientific Officer* jew tmien snin jekk ikollha xi kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni. Persuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titpoġġa fi Skala ta' Salarju Nru. 7 b'salarju ta' Lm6,948 (€16,184.49) fis-sena li jiżdied b'Lm228 (€531.10) fis-sena sa massimu ta' Lm8,316 (€19371.07) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li hija soġġetta għall-konferma kif indikat f'paragrafu 9, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* jinkludu :

a) *Acceptance testing* u *commissioning* ta' magni ġodda tat-terapija u ta' tagħmir awżiljarju qabel ma jibdew jintużaw klinikament biex ikun aċċertat li dawn huma skond ir-regolamenti u linji ta' gwida.

b) Kejl ta' l-instrumenti tad-*dosimetry.*

ċ) Superviżjoni u maniġġar ta' ħażna u rimi ta' materjal u skart radjoattiv.

d) Sehem fi programmi ta' taħriġ u edukazzjoni *in-house* fuq aspetti relevanti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

e) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Personnel*, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Il-Furjana.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) on completion of two years service in the grade of Scientific Officer.

2.2. A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer in Salary Scale No. 8 with a salary of Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53) on completion of ten years in the grade of Scientific Officer or eight years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Salary Scale No. 7 with a salary of Lm6,948 (€16,184.49) per annum rising by annual increments of Lm228 (€531.10) up to a maximum of Lm8,316 (€19,371.07) on completion of two years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period as stated in paragraph 9, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) include:-

(a) Acceptance testing and commissioning of new therapy machines and auxiliary equipment prior to being put into clinical use, in accordance with regulations and guidelines.

(b) Calibration of dosimetry instruments.

(c) Supervision and management of the storage and disposal of radioactive materials and radioactive waste.

(d) Participation in in-house education and training programmes in relevant aspects of radiation protection.

(e) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom lawrja ta' l-ewwel jew it-tieni klassi tal-BSc(Hons) jew kwalifika oħra komparabbli xierqa bil-Fiżika bħala wieħed mis-suġġetti prinċipali. Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lill-applikanti li jkollhom il-Matematika jew *Computer Science* bħala t-tieni suġġett;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form' (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand persuni li jkunu se jiksbu il-lawrja jew kwalifika oħra komparabbli xierqa msemmija f'paragrafu 5(c) hawn fuq fis-sena 2007 u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt paragrafi 5(a), 5(b) u 5(d).

7. Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jgħaddux biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.

8. Applikanti magħżula taħt paragrafu 6 isiru eliġibbli għall-ħatra ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* wara li jkunu temmew b'suċċess l-istudju tagħhom u wara li jiksbu l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għal din il-lawrja.

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a first or second-class BSc(Hons) degree or other appropriate comparable qualification with Physics as one of the main subjects. Due consideration will be given to applicants having Mathematics or Computer Science as the second subject;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be accepted from persons who will be obtaining the degree or other appropriate comparable qualification mentioned in paragraph 5(c) above in the year 2007 and who satisfy the conditions under paragraphs 5(a), 5(b) and 5(d).

7. Successful applicants in terms of paragraph 6 will only be considered if there are not enough successful applicants under paragraph 5.

8. Applicants selected under paragraph 6 will only become eligible for appointment as Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) on the successful completion of their studies and on obtaining the approval of the University for the award of the degree.

9.1. Il-persuna magħżula jkollha tmur barra minn Malta biex issegwi kors ta' sentejn li jwassal għall-*MSc degree* fir-*Radiation Physics* jew komparabbli. Taħriġ fir-*Radiotherapy Physics* isir ukoll fl-istess żmien fi sptar xieraq barra minn Malta. Il-persuna magħżula tkun kkonfermata fil-ħatra bħala *Scientific Officer* (*Radiotherapy Physicist*) wara li tkun kisbet l-*MSc degree* fir-*Radiation Physics* jew komparabbli, wara li ġġib ċertifikat li jikkonferma li tkun segwiet it-taħriġ fuq ix-xogħol fl-isptar barra minn Malta b'mod sodisfaċenti u wara li tkun temmet sena servizz sodisfaċenti fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Inkella l-ħatra ta' *Scientific Officer* (*Radiotherapy Physicist*) tiġi terminata.

9.1. The selected applicant must proceed abroad to follow a two-year course of training leading to the M.Sc. degree in Radiation Physics or comparable. Training in Radiotherapy Physics will also be undertaken concurrently at an appropriate hospital centre abroad. The selected applicant will only be confirmed in his/her appointment as Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) on his/her obtaining the M.Sc. degree in Radiation Physics or comparable, on producing a certificate confirming the satisfactory performance in the on-the-job hospital training abroad and on completion of one (1) year satisfactory service in the Health Division. Otherwise the appointment of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) will be terminated.

9.2. Persuni magħżula biex jagħmlu l-kors ta' taħriġ jkunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

9.2. Candidates proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in Public Service Management Code.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad

11.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the

m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 5th October 2007, in the records of the Writ of Summons 1013/02 JA, in the names Vica Limited vs Terry Limited and Joseph Pace and by decree of the 15th December, there were admitted in statu et terminis, Paola Development Company Limited (C 14570), Joseph Borg personally and in the name of the company Marks and Charles Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Terry Limited and the respondent Joseph Pace, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Court of Appeal, in the records of the Writ of Summons number 1013/02 JA, in the names Vica Limited vs Terry Limited et, above mentioned, the applicant company pleaded with respect:

That by means of an application in the names and the number premised the appellant, after having premised;

That the applicant company is a creditor of the company Terry Limited;

That the company Terry Limited owes the applicant company the following sums amongst others the sum of Lm5,123.73 (€11,935.08) representing expenses and fees due according to the taxed Court bill in the cause in the names Terry Limited vs Vica Limited, (2347/00JRM) decided on the 3rd July 2002, which judgement passed in res judicata, this without prejudice to those further debts which shall result during the hearing of the cause.

Illi inoltre l-kumpanija Terry Limited hi debitriċi tal-Kumpanija Vica Limited, in forza ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Frar 1998, fil-kawża fl-ismijiet premessi Ċitazzjoni numru 3370/96 CFS) …omissis…

Illi barra minn hekk jirriżulta li l-kumpanija intimata għandha tħallas somom sostanzjali lil terzi …omissis…

Illi kif se jiġi ppruvat tul is-smigħ tal-kawża l-kumpanija intimata tinsab fi stat ta' insolvenza u ma tistax tħallas id-djun tagħha u rikorrenti jifhmu li hi insolventi;

Illi l-kumpanija intimata ilha f'dan l-istat ta' insolvenza għal żmien twil u dan kif jafu, jew kif għandhom jafu d-diretturi tagħha.

Illi inoltre l-kumpanija rikorrenti għadha ma għamlitx il-'compliance' kif stabbilit fl-Artikolu 428 tal-Att dwar il-Kumpaniji (1995) ….omissis…

Illi inoltre l-kumpanija rikorrenti m'hijiex qiegħda topera skond il-liġi u dan ukoll għaliex wara l-1991, il-kumpanija intimata ma bagħtet lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ebda dokument minn dawk li huma rikjesti annwalment skond il-liġi …omissis….

Illi x-xoljiment tal-kumpanija hi rikjest miċ-ċirkostanzi, premessi f'dan ir-rikors, liema ċirkostanzi huma serji u gravi;

…Omissis…

Talbet:

Għaldaqstant in vista tas-suespost, il-kumpanija rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata Terry Limited m'hijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha u/ jew li jeżistu ċirkostanzi ta' gravità suffiċjenti skond l-Artikolu 214 (2) (b) (111) tal-Att dwar il-Kumpanniji u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta' l-istess kumpannija intimata, a tenur ta' l-Artikolu 214 (2) (a) (11) u/jew 214 (2) (b) (111) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Att Numru XXV) tal-1995);

2. Taħtar, fil-mori ta' dawn il-proċeduri amministratur proviżorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjetà konvenuta u dan taħt u skond id-dispożizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti, jidhrilha opportun li tagħti;

3. Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar l-istralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att XXV tal-1995, dwar il-Kumpanniji.

That furthermore the company Terry Limited, is a debtor of the company Vica Limited in force of a judgement of the First Hall Civil Court of 4th February 1998, in the case in the names premised (Writ of Summons number 3370/96 CFS) …omissis….

That apart from this it results, that the respondent company has to pay substantial sums to third parties …Omissis…

That as shall be proved during the hearing of the cause, the respondent company is in a state of insolvency and cannot pay its debts and the applicants, understand that it is insolvent;

That the respondent company, has been in this state of insolvency, for a long time and this as known by or should be known by its directors;

That furthermore the applicant company, has not made its 'compliance' as established by Article 428 of the Companies Act 1995 ….Omissis…

That furthermore the applicant company, is not operating according to law and this also because after 1991, the respondent company, did not send to the Registrar of Companies any document which is annually required, according to law …Omissis…

That the dissolution of the company, is required, by the circumstances premised in this application, which circumstances are serious and grievous;

…Omissis…

Demanded;

Thus in view of the above, the applicant company, prays with respect that this Honourable Court;

1. Declares and decides that the respondent company Terry Limited is not in a position to pay its debts and/or that there exist circumstances of sufficient gravity according to Article 214(2) (b) (111) of the Companies Act and consequently order the dissolution and consequential winding up of the respondent company, in terms of Article 214 (2) (a) (11) and /or 214 (2) (b) (111) of the Companies Act (Act Number XXV of 1995);

2. Appoint, during the pendency of these procedures, a provisional administrator to administer the affairs of the defendant company and this under and according to all the dispositions, that this Honourable Court deems fit to give;

3. To make any opportune provision to appoint a liquidator and carrying out the consequential winding up according to the provisions of Act XXV of 1995 regarding Companies.

4. A tenur ta' l-Artikolu 315 tal-Att XXV tal-1995, l-istess Joseph Pace jiġi dikjarat personalment responsabbli għad-danni, …omissis…

Bl-ispejjeż.

Illi l-konvenuti u l-intervenuti fil-kawża għamlu eċċezzjonijiet f'din il-kawża.

Illi b'sentenza tat-23 ta' April 2007, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża billi 'tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, kif proposti, tirrevoka l-inkarigu ta'l-amministratur proviżorju iżda tordna li l-ispejjeż u drittijiet tiegħu għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata Terry Limited ….omissis…

Illi l-appellanti ħasset ruħha aggravata bis-sentenza premessa u għaldaqstant qiegħda titlob umli appell minnha;

Illi l-aggravji ta' l-appellanti huma ċari u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu, fehmet ħażin it-talbiet attriċi, …omissis…

'Illi s-soċjetà rikorrenti qed titlob li tiġi stralċjata s-soċjetà intimata għal żewġ raġunijiet u cioè li s-soċjetà intimata, ma ottemperatx ruħha mas-sentenza indikata fir-rikors u anke l-istess soċjetà naqset għal numru ta' snin li tottempera ruħha wkoll mal-Kap. 386, billi ma ssottomettietx lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-kontijiet interni tagħha'.

Illi fil-fatt iż-żewġ raġunijiet huma biss parti mir-raġuni l-għala l-atturi talbu l-istralċ tal-kumpannija intimata. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi ssottomettiet, li t-talba tagħha kienet imsejsa fuq żewġ binarji u cioè:

Li l-kumpanija intimat hija insolventi (art. 214 (2) (a) (11) tal-Kap. 386.

li l-kumpanija intimata kienet qiegħda titmexxa frawdolentement bi frodi għad-drittijiet tar-rikorrenti. (Art 214 (2) (b) (111) tal-Kap. 386.

…Omissis…

Illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu, impostat ħażin it-talbiet attriċi u ma daħlitx f'dik li hija l-essenza tat-talbiet attriċi.

Iż-żewġ punti prinċipali sejrin jerġgħu jiġu ttrattati brevement kif ġej:

Dwar l-insolvenza tal-kumpannija intimata.

4. In terms of Article 315 of Act XXV of 1995, the same Joseph Pace, be declared personally responsible for the damages, …omissis…

With costs.

That the defendants and the parties admitted into this cause have filed their pleas.

That by a judgement of the 23rd April 2007, the Honourable Court of First Instance decided this cause by rejecting the demands of the applicant as proposed, revoke the appointment of the provisional administrator, but orders that the expenses and his fees are to be paid by the respondent company Terry Limited …omissis…

That the appellant felt aggrieved by the judgement premised and is thus humbly filing an appeal therefrom;

That the grievances of the appellants are clear and consist in the following:

1. That the Honourable First Court, with all respect, badly understood the plaintiff's demands, … Omissis.…

'That the defendant company is asking that the respondent company be wound up for two reasons and that is that the respondent company did not abide with the judgement indicated in the application and even the same company failed for a number of years to abide with Chapter 386, as it did not submit to the Registrar of Companies, its internal accounts'.

That infact the two reasons are only a part only of the reason, why the plaintiffs demanded the dissolution of the respondent company. In its note of submissions the plaintiff, submitted that its demand was based on two grounds and that is:

That the respondent company is insolvent (art. 214 (2) (a) (11) of Chapter 386.

That the respondent company was being fraudulently administered in fraud of the rights of the applicant. (Art 214 (2) (b) (111) of Chapter 386.

…Omissis…

That thus the Honourable First Court, with all respect, badly set out the plaintiff's demands and did not delve into the essence of the plaintiff's claims.

The two principal points shall be briefly treated as follows:

Regarding the insolvency of the respondent company.

Din tirriżulta ampjament mill-atti tal-kawża. Il-kumpanija intimata ma ħalsitx dejn dovut minnha skond sentenza minkejja li għaddew 24 ġimgħa, mill-ħruġ tal-mandati eżekuttivi opportuni (Art 213 95) (a) tal-Kap. 386) …omissis…

Barra minn hekk l-Artikolu 213 (5) (b) tal-Kap. 386, jispjega li kumpannija hija insolventi 'if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company'.

Mir-rapport li għamel l-Amministratur Proviżorju intwera li l-kumpanija intimata għandha tħallas somom konsiderevoli lil terzi …omissis…

Sfortunatament l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet li l-kwistjoni ta' l-insolvenza kienet limitata għall-kwistjoni ta' l-ispejjeż ta' kawża preċedenti, li kienet ġiet deċiża kontra l-kumpanija intimata u li ma tħallsux. Li ma fehmitx, bir-rispett kollu, kien li, il-fatt li dan l-ammont ma tħallasx minkejja li għaddew 24 ġimgħa minn meta nħareġ mandat eżekuttiv fil-konfront ta' l-intimati kienet toħloq preżunzjoni ta' falliment li, imbagħad kien jinkombi fuq l-intimata li tirribatti.

U biex tiġi ribattuta din il-preżunjoni kellhom jinġabu provi biex jiġi ppruvat li l-Kumpanija ma kinetx falluta … omissis…

Fi kwalsijasi każ, l-ispejjeż tal-kawża msemmija ma humiex l-uniku dejn li l-intimata ma ħallsitx…omissis…

Minn naħa tagħha l-kumpanija intimata ma rnexxilhiex turi sal-grad mitlub mil-liġi li fil-fatt ma kinetx insolventi …omissis…

Dwar it-tieni punt jirriżulta li l-appellanti għandhom konvenju validu għall-akkwist tal-art in kwistjoni liema konvenju kien ġie approvat b'sentenza tal-Qorti, li llum għaddiet in ġudikat. Għalhekk il-kumpanija intimata, ma setgħet qatt tgħodd dik l-art bħala 'asset' tagħha għall-finijiet tal-bilanċ kontabbli tagħha.

Illi l-intimati ma rnexxilhomx jegħlbu l-preżunzjoni maħluqa mill-liġi meta l-Kumpannija intimata naqqset li tħallas minkejja li kienu għaddew 24 ġimgħa minn meta nħareġ mandat eżekuttiv kontra l-kumpanija intimata. Stabbilita din il-preżunzjoni l-oneru li jiddimostraw li l-kumpanija ma kinetx insolventi kienet tispetta unikament lill-intimati u dment li dawn ma ġabux provi suffiċjenti l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha takkolji t-talbiet attriċi.

This results amply proved from the records of the cause. The respondent company did not pay debts due by it according to the judgement, despite that 24 weeks elapsed from the issue of the opportune executive warrants (Art 213 (5) of Chapter 386) …omissis…

Apart from this thus Article 213 (5) (b) of Chapter 386 explains that the company is insolvent 'if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company'.

From the report made by the Provisional Administrator it was shown that the respondent company, has to pay considerable sums to third parties…omissis…

Unfortunately the Honourable Court of First Instance held that the matter of insolvency was limited to the question of the fees of a preceding cause which had been decided against the respondent company and which were not paid. What it did not understand with all respect, was that in fact this amount was not paid despite that 24 weeks had passed from when the executive warrant against the respondents had created a presumption of bankruptcy which then fell upon the respondent to rebut.

And in order to rebut this presumption proof had to be brought to prove that the Company was not bankrupt … omissis…

In any case, the costs of the cause mentioned are nor the only debt that the respondent did not pay …omissis…

On its part the respondent company, did not manage to show, till the grade required by law, that in fact it was not insolvent ...omissis…

Regarding the second point, it results that the appellants have a valid preliminary agreement for the acquisition of the land in question which preliminary agreement was approved by a judgement of the Court which today has become res judicata. thus the respondent company, could never consider that land as an 'asset' for the purpose of its accounts balance.

That the respondents did not manage to rebut the presumption created by law when the respondent company, failed to pay despite that 24 weeks had passed from when an executive warrant had passed against the respondent company. This presumption established the burden to show that the company was not insolvent, fell only on the respondents and as long as these did not bring sufficient proof, that the Honourable Court of First Instance, had to uphold the demands of the plaintiff.

Il-kalkoli ta' l-intimati għalhekk ma jiswewx u kellhom jiġu skartati mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Minflokk, l-appellanti jissottomettu umilment li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tistrieħ fuq l-indaġini li kien għamel l-Amministratur Proviżorju fuq inkarigu tagħha …Omissis…

Sfortunatament l-Ewwel Onorabbli Qorti ma apprezzatx in-natura tat-talbiet attriċi u għalhekk ma daħlitx kif kellha tidħol fil-kwistjoni tal-falliment.

Hi s-sottomissjoni ta' din il-parti li l-insolvenza tal-kumpanija intimata tirriżulta mingħajr ebda dubbju, … omissis…

Dwar it-tmexxija frawdolenti.

Il-pożizzjoni ta' l-attriċi f'din il-kawża hi li għandha sentenza kontra l-kumpanija intimata li torbot lil din il-kumpanija tittrasferielha porzjoni art …omissis…

L-affidavits tax-xhieda tar-rikorrenti jagħtu stampa sħiħa tal-fatti kollha rilevanti.

…Omissis…

F'dan l-isfond l-esponenti jagħmlu riferenza għall-dawk l-Artikoli tal-Kap. 386 li joffru protezzjoni lill-kredituri tal-kumpanija. Fost dawn ir-rimedji hemm mill-projbizzjoni ta' dak li jissejħu fraudulent preferences u cioè att ta' direttur li jagħti vantaġġ, mhux mistħoqq li xi ħadd fuq il-kredituri… omissis…

Is-sottomissjoni ta' l-attriċi kienet (u għadha) li l-iskopijiet frawdolenti tad-Direttur tal-kumpanija intimata kienu jammontaw għall-'grounds of sufficient gravity' rikjesti mill-artikolu 214 (b) (111) tal-Kap. 386 …omissis…

L-Ewwel Onorabbli Qorti, ġustament wasslet għall-konklużjoni li fil-fatt kien hemm it-taħwid. Fir-realtà din hija l-unika konklużjoni loġika li setgħet tiġbed mill-provi miġbura. Huwa veru li l-Art. 214 (2) jagħti lill-Qorti l-fakolta li tordna l-istralċ meta tħoss li hemm raġunijiet gravi biżżejjed u huwa minnu li kif inhi bħalissa s-soċjetà intimata ma hijiex qiegħda tiġi ġestita tajjeb' Sfortunament l-Ewwel Onorabbli Qorti fehmet li l-iskop ta' l-azzjoni kienet 'li tintuża l-istralċ biex fil-verità tiġi deċiża l-proprjetà ta' art'. Dan ma kienx il-każ. Hu fl-interess tal-kredituri kollha li l-kumpanija debitriċi tiġi amministrata skond il-liġi u b'hekk jiġu żgurati d-drittijiet tal-partijiet kollha.

The calculations of the plaintiffs thus are not valid and had to be avoided by the Honourable Court. Instead, the appellants humbly submit that the Honourable Court of First Instance, had to rely on the inquiry made by the Provisional Administrator following its demands …Omissis…

Unfortunately the Honourable Court of First Instance, did not consider the nature of the plaintiff's demands and thus did not delve as it should have, in the question of bankruptcy.

It is a submission of this part that the insolvency of the respondent company results without any doubt …omissis…

Regarding the fraudulent administration.

The position of the plaintiff, in this cause is that it has a judgement against the respondent company, which binds this company to transfer to it a portion of the land …omissis…

The affidavits of the evidence of the applicants, give a clear picture of all the relevant facts

…Omissis…

In the light of this background the applicants, make reference to those Articles of Chapter 386, which offer protection to the creditors of the company. Amongst these remedies there is the prohibition from the occurrence of fraudulent preferences and that is an act of a director that gives an unjustified advantage to someone over the creditors…omissis…

The submission of the plaintiff was (and still is) that the fraudulent purposes of the Director of respondent company, amounted to 'grounds of sufficient' gravity required by article 214 (b) (111) of Chapter 386 …omissis…

The Honourable Court of First Instance, justly arrived to the conclusion that infact there were irregularities. In reality, this is the only logical conclusion which it could draw from the proof collected. It is true that Art. 214 (2) gives to the Court the right to order the winding up when it feels that are reasons of sufficient gravity and it is the case that how the respondent company is at the moment not being well administered 'Unfortuantely the Honourable Court of First Instance understood that the purpose of the action was 'to use the winding up so that in reality the question regarding the ownership of the land be decided. This was not the case. It is in the interest of all the creditors, that the debtor company, be administered according to law and thus the rights of all the parties are secured.

Il-proċedura ta' stralċ ma tivvantaġġja l-ebda wieħed mill-kredituri …omissis…

Il-kwistjoni ta' l-insolvenza u tat-tmexxija frawdolenti jmorru id f'id. L-istat insolventi tal-Kumpanija ġejja mit-tmexxija tal-Kumpanija għal skopijiet frawdolenti … Omissis…

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet ħażin il-kwistjoni dwar id-dokumentazzjoni li d-direttur tal-Kumpanija huwa marbut li jippreżenta lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kull tant żmien. Fost dawn id-dokumenti hemm l-audited accounts tal-Kumanija. Dawn l-audited accounts qatt ma saru.

Dan il-fatt huwa preġudizzjevoli ħafna għall-kredituri għaliex (1) dawn ma jistgħux ikollhom stampa ċara dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kumpanija u (2) l-audited accounts annwali jagħti ħjiel dwar jekk id-debitriċi hijiex qiegħda tirrikonoxxi d-dejn. Sfortunatament hawnhekk ukoll il-Qorti ma fehmitx l-importanza ta' l-obbligu impost fuq il-kumpannija u d-diretturi tagħha …..omissis…

Illi fondamentalment l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tindirizza skond il-liġi dawk id-difetti li rriskontrat u abdikat kompletament il-funzjoni tagħha fl-ambitu tad-disgwid bejn il-partijiet …omissis…

Għaldaqstant, in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq il-provi kollha permissibbli f'dan l-istadju, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tiddeċiedi finalment din il-kawża billi takkolji t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Rikorrent: Vica Limited: Park Hotel, Graham Street, Sliema.

Notifika: …Omissis…

Terry Limited (C 4920) 36A, Tignè Sea Front, Sliema.

Joseph Pace 36A, Tignè Sea Front, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The procedure of winding up does not give advantage of one of the creditors …omissis…

The matter of insolvency and fraudulent administration are linked. The insolvent state of the company, results from the administration of the company for fraudulent purposes …Omissis…

That the Honourable Court of First Instance, wrongly decided the matter regarding the documentation, that the director of the Company, is bound to present to the Registrar of Companies, now and again. Amongst these documents, there are the audited accounts of the Company. These audited accounts were never made.

This fact is of great prejudice to the creditors because (1) these cannot have a clear picture of the financial position of the company and (2) the annual audited accounts reflect whether the debtor is acknowliging the debt. Unfortunately, even here the Court did not understand the importance of the obligation, imposed upon the Company and its directors ….Omissis…

That fundamentally the Honourable Court of First Instance, failed to address according to law those defects, which it encountered and completely abdicated its function in regard to the disagreement between the parties …omissis…

Thus, in view of the above and whilst reserving to bring all the proof permitted by law, at this stage, the applicants pray with respect that this Honourable Court cancels and revokes the judgement appealed and pass on to decide finally this cause, by upholding the demands of the plaintiff, with all the costs of both instances, against the defendants.

Applicant: Vica Limited: Park Hotel, Graham Street, Sliema.

Notify: …Omissis…

Terry Limited (C 4920) 36A, Tignè Sea Front, Sliema.

Joseph Pace 36A, Tignè Sea Front, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today Wednesday, October 17th 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1482

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Ottubru 2007, Leslie Charles Vassallo et, rikors numru 648/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Leslie Charles u Gordon aħwa Vassallo, (ulied id-decujus); u ta' Maria Carmela Vassallo (mart id-decujus) is-SUĊĊESSJONI ta' Paul Vassallo, żewġ l-istess Maria Carmela Vassallo, bin il-mejtin Peter Paul u Nicolina neé Attard, imwieled u kien joqgħod is-Siġġiewi u miet Attard, fis-27 ta' April 2007, ta' 74 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 0547132(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 10th October 2007, Leslie Charles Vassallo et, application number 648/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Leslie Charles and Gordon brothers Vassallo, (children of the decujus); and of Maria Carmela Vassallo (wife of the decujus) the SUCCESSION of Paul Vassallo, husband of the same Maria Carmela Vassallo, son of the late Peter Paul and Nicolina neé Attard, born and residing at Siggiewi and died in Attard, on the 27th April 2007, intestate, aged 74 and who had identity card number 0547132(M) and thus the banns were issued so that so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1483

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru 2007, in seġwitu għar-rikors ta' Martin Testaferrata Moroni Viani, ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2007, fl-atti tar-rikors numru 388/2007, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Leonard Ernest Hicks, bin il-mejtin Ernest Hicks u Violet neé Clark, imwieled f'Edmonton, l-Ingilterra, ir-Renju Unit u miet Pietà fit-2 ta' Mejju, 2007, ta' 92 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 0011108(A).

Din il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir nhar il-Ħamis, 8 ta' Novembru 2007, fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00 p.m.) fl-uffiċċju numru 92, Triq Santa Marija, Sliema, b'att tan-Nutar Dottor Edward Flores.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 19 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 16th October 2007, following an application of Martin Testaferrata Moroni Viani, filed on the 25th September 2007, in the records of the application number 388/2007, this Court ordered, the publication of the inventory of the assets of Leonard Ernest Hicks, son of the late Ernest Hicks and Violet neé Clark, born in Edmonton, England, United Kingdom, and died at Pietà on the 2nd May, 2007, aged 92, and who had identity card number 0011108(A).

The publication of the inventory shall be made, on Thursday 8th November 2007, at three in the afternoon (3.00 p.m.) at the office number 92, Saint Mary Street, Sliema, by deed of Notary Dr Edward Flores.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 19th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1484

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta'digriet mogħti, fis-16 ta' Ottubru 2007, in segwitu għar-rikors tan-Nutar Dottoressa Jeannette Laferla Saliba ppreżentat, fil-11 ta' Ottubru 2007, rikors numru 24/2007, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Karmni sive Carmelina sive Lina Fenech, xebba, bint il-mejtin Luigi Fenech u Maria neé Buttigieg, imwielda u kienet toqgħod il-Mellieħa fejn mietet fit-22 ta' Lulju 2006, ta' 67 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 0500139(M).

Din il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir nhar il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu (9.30 a.m.) fl-uffiċċju numru 52d, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, b'att tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given, on the 16th October 2007, following an application of Notary Dr Jeannette Laferla Saliba filed on the 11th October 2007, application number 24/2007, this Court, ordered the publication of the inventory of the assets of Karmni sive Carmelina sive Lina Fenech, unmarried, daughter of the late Luigi Fenech and Maria neé Buttigieg, born and who resided in Mellieħa, where she died on the 22nd July 2006, aged 67, and who had identity card number 0500139(M).

The publication of the inventory, shall be held on Thursday 15th November 2007, at nine thirty in the morning (9.30 a.m.) at the office number 52d, Old Bakery Street, Valletta, by deed of Notary Dr. Mario Rosario Bonello.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1485

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Ottubru 2007 (Rikors numru 63/2007) minn Grace Buttigieg pro et noe et, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Angelo Buttigieg, bin il-mejtin Salvatore u Grace neé Mizzi, imwieled il-Qala, Għawdex fejn kien residenti u fejn miet fid-disgħa ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u tmenin (09.09.1988), intestat, liema apertura għandha ssir a favur ta' Grace Buttigieg f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja ta' l-imsefrin ħuha Jack Buttigieg, Theresa McAdams, Gloria Jean Buttigieg, Rebecca Buttigieg, Joan Levy, Caroline Buttigieg u Darrin Buttigieg, Mary Buttigieg u Sylvia Buttigieg fi kwota ta' parti minn disgħa (1/9) lil Grace Buttgieg, parti minn disgħa (1/9) lil Jack Buttigieg, parti minn tlieta (1/3) lil Theresa Mc Adams, parti minn tlieta (1/3) lil Gloria Jean Buttigieg, parti minn tnax (1/12) lil Rebecca Buttigieg, parti minn tnax lil Joan Levy (1/12), parti minn tnax lil Caroline Buttigieg (1/12), u parti minn tnax (1/12) lil Darrin Buttigieg, parti minn disgħa (1/9) lil Mary Buttigieg u parti minn tlieta (1/3) lil Sylvia Buttigieg.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 19 ta' Ottubru 2007

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 16th October 2007 (Application number 63/2007) Grace Buttigieg and others requested the opening of the SUCCESSION of Angelo Buttigieg, son of the late Salvatore Buttigieg and of the late Grace neé Mizzi, born in Qala, Gozo where he used to reside, and where he died on the ninth of September one thousand nine hundred and eighty eight (09.09.1988), intestate, and which opening of succession is to be made in favour of Grace Buttigieg in her name and on behalf of her brothers and sisters Jack Buttigieg, Theresa McAdams, Gloria Jean Buttigieg, Rebecca Buttigieg, Joan Levy, Caroline Buttigieg and Darrin Buttigieg who live abroad, Mary Buttigieg and Sylvia Buttigieg as to one ninth (1/9) to Grace Buttigieg, one ninth (1/9) to Jack Buttigieg, one third (1/3) to Theresa McAdams, one third (1/3) to Gloria Jean Buttigieg, one twelfth (1/12) to Rebecca Buttigieg, one twelfth (1/12) to Joan Levy, one twelfth (1/12) to Caroline Buttigieg and one twelfth (1/12) to Darrin Buttigieg, one ninth (1/9) to Mary Buttigieg and one third (1/3) to Sylvia Buttigieg.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction

This 19th October 2007

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1486

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-19 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' E GRECH CRISTAL BATH LTD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 31 ta' Ottubru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2007 li għandu jsir f'Garage bla numru Triq il-Parilja Santa Venera ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ZAMMIT PAUL.

1. Vettura Peugeot Reg. number KAR-994

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th October, 2007 on the application of E GRECH CRISTAL BATH LTD, Wednesday, 31st October, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th October, 2007 to be held at Garage without number Parilja Street Santa Venera of the following items seized from the property of ZAMMIT PAUL.

1. Motor vehicle Peugeot Reg. number KAR-994

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd October, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1487

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2007, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat min Bank of Valletta PLC fid-19 ta' Lulju 2007, qed jintalab l-iżbank ta' tlett iċwievet depożitati b'ċedola numru 1193/2005 minn Marixxall Carmelo Camilleri li jappartjenu lil Joseph Micallef.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum it-22 ta' Ottubru 2007.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th October 2007 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Bank of Valletta PLC on the 19th July 2007, is asking for the withdrawal of three keys deposited by Schedule of Deposit number 1193/2005, lodged by Marshall Carmelo Camilleri and appertaining to Joseph Micallef.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 22nd October 2007

MICHAEL PORTELLI.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1488

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Cutrico Services Ltd (C-9586) ta' Cutrico Building, Old Railway Track (Psaila Street) Santa Venera HMR16, ippreżentaw Talba, fil-1 ta' Novembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paul Bugeja (ID 428167L) ta' House 6, Plot B, Binja St Lucija, Mtarfa RBT10, sabiex iħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta' elf tliet mija u erbgħin lira Maltija Lm1340 (€3,121.36) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Cutrico Services Ltd (C-9586) of Cutrico Building, Old Railway Track (Psaila Street) Santa Venera HMR16 filed a Claim on the 1st November 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Paul Bugeja (ID 428167L) of House 6, Plot B, Binja Sta Lucija, Mtarfa RBT10, to pay the plaintiff company the sum of one thousand three hundred and forty Maltese liri Lm1340 (€3,121.36) which amount is due to the plaintiff company. With costs and legal interests.

Il-kawza (983/06VGD) hija differita għall-21 ta' Novembru 2007 fin-12.30p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 983/06VGD) is put off on the 21st November 2007 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1489

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Lighthouse Communications Ltd (C21425) ta' 14/1, C. Mallia Street, San Ġwann SGN 04, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' April 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Refco Company Limited (C5437) ta' 270, Fleur de Lys Road, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsa u disgħin lira Maltija Lm295 (€687.17) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (650/07ISB) hija differita għat-28 ta' Novembru 2007 fin-12.30p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 17th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Lighthouse Communciations Ltd (C21425) of 14/1, C. Mallia Street, San Ġwann SGN 04, filed a Claim on the 27th April 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Refco Company Limited (C5437) of 270, Fleur de Lys Road, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and ninty five Maltese liri Lm295 (€687.17) which amount is due to the plaintiff company. With costs and interests.

The case (Claim Number 650/07ISB) is put off on the 28th November 2007 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA

1490

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-1 ta' Awissu 2007 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Antoine Micallef (ID240881M) ta' Aurora, Triq il-Fuħħar, Mosta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sebgħa u għoxrin lira Maltija u sbatax-il ċenteżmu Lm227.17 (€529.16) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (615/07PBC) hija differita għas-6 ta' Novembru 2007 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 19th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 1st August 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Antoine Micallef (ID240881M) of Aurora, Triq il-Fuħħar, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and twenty seven Maltese liri and seventeen cents Lm227.17 (€529.16) which amount is due to the plaintiff company. With costs and legal interests.

The case (Claim Number 615/07PBC) is put off on the 6th November 2007 at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1491

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-17 ta' Settembru 2007, minn Francis Vella u oħrajn, rikors numru 593/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Francis Vella (żewġ id-decujus) u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Nicholas u Maria Concetta sive Connie Dalmas, mart Pierre Dalmas, aħwa Vella, (ulied id-decujus), u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Maria Giuseppa Vella, mart l-istess Francis, bint il-mejtin Amabile Cilia u Concetta Cilia neè Meilak, imwielda u kienet toqgħod Ħal Qormi u mietet Pietà, fil-5 ta' April 2007, ta' 77 sena u kellha karta ta' l-identità numru 0573029(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 17th September 2007, by Francis Vella and others, application number 593/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Francis Vella (husband of the decujus) and this in the quota of one-half undivided (1/2) share; and in favour of Nicholas and Maria Concetta sive Connie Dalmas, wife of Pierre Dalmas, brother and sister Vella (children of the decujus) and this in the quota of one-fourth (1/4) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Maria Giuseppa Vella, wife of the same Francis, daughter of the late Amabile Cilia and Concetta Cilia neè Meilak, who was born and resided in Qormi and died in Pietà, intestate, on the 5th April 2007, aged 77 and who had identity card number 0573029(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1492

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-16 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' GMOLTON CO. LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2007 li għandu jsir f'12 Industrial Estate, Ħal Far, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ALUFINISH LTD.

1. Fork lifter Daewoo, computer komplut.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 16th October, 2007 on the application of GMOLTON CO. LTD, Monday, 21st January, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 16th October, 2007 to be held at 12 Industrial Estate Hal Far, of the following items seized from the property of ALUFINISH LTD.

1. Fork lifter Daewoo, and complete computer.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 17th October, 2007.

MICHAEL PORTELLI, B.A (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*